**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Mohamed Mahmud Dirie**

**Każ Nru. 375/2022**

**Illum 1 ta' Awwissu 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Mohamed Mahmud Dirie, bin Dirie Mahmud u Khadicta, imwieled Mogadisju nhar il-15 ta' Ġunju 1986 u residenti ġewwa Nru. 54, Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 38232A, talli nhar is-16 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 22:00hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Offenda l-pudur jew il-morali, b'għemil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, u cioè Trasport Pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Issoġġetta lil Heloise Aguesse għal xi att ta' intimità fiżika bi ksur ta' l-Artikolu 251A(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Issoġġetta lil Heloise Aguesse għal xi att u, jew imġieba li kellha konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u,jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampli u jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti lejha, bi ksur ta' l-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu kkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali tat-tweġibha tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, senjatament il-Fedina Penali ta' l-imputat markata Dok. "A", rapport tal-Pulizija dwar il-każ markat Dok. "B" u stqarrija ta' l-imputat markata Dok. "C";

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat l-atti tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar is-16 ta' Lulju 2022 għall-ħabta ta' 22:00hrs, ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) Offenda l-pudur jew il-morali, b'eħgmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, u cioè Trasport Pubbliku, bi ksur ta' l-Artikolu 209 tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) Issoġġetta lil Heloise Aguesse għal xi att ta' intimità fiżika bi ksur ta' l-Artikolu 251A(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) Issoġġetta lil Heloise Aguesse għal xi att u, jew imġieba li kellha konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u,jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampli u jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti lejha, bi ksur ta' l-Artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li għandu fedina penali relattivament netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri.

Għaldaqstant, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 209, 251A(1)(ċ)(e)(4) u 251D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li ssib lill-imputat, fuq ammissjoni tiegħu stess, ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, tikkundannah għall-perijodu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija izda, billi Hija tal-fehma li f'dan il-każ ħemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta fuq l-imputat, senjatament l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija, li għandu fedina penali relattivament netta u li rreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija hawn impost fuq l-imputat għal sentejn (2) b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar ir-responsabilità tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 543AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat jiddikjara li huwa sodisfatt bit-traduzzjoni orali tas-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**